# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. *JOSEPH R. MICALLEF* LL.D.**

**Illum, 7 ta' Marzu, 2001.**

**Kawza Nru. 10.**
**Citazz. Nru. 1587/99 JRM.**

**CITADEL INSURANCE p.l.c.; MIDDLE SEA INSURANCE p.l.c.; u ELMO INSURANCE SERVICES LIMITED, ghan-nom u in rappresentanza tas-Socjeta' estera SUN ALLIANCE & LONDON INSURANCE p.l.c.**

**vs**

**NICHOLSONS THE SUPERMARKET LIMITED.**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-Citazzjoni tal-5 ta' Lulju,1999,li bih is-Socjetajiet attrici ppremettew:

-
Illi s-socjeta' konvenuta hija debitrici tas-socjetjiet attrici fl-ammont komplessiv ta' ghaxart elef tmien mija u erbgha u erbghin lira u tmienja u sebghin centezmu (Lm10,844.78,0) rappresentanti l-prezz ta' diversi "premiums" dovuti fuq il-poloz ta' assikurazzjoni mahruga fuq ordni u inkarigu tas-socjeta' konvenuta mis-socjetajiet attrici, u dan in kwantu ghal Lm4503.26,0 dovuti lis-socjeta' attrici Citadel Insurance plc, in kwantu ghal Lm2631.04,0 dovuti lis-socjeta' attrici Middle Sea Insurance plc u in kwantu ghal bilanc ta' Lm3683.48,0 dovuti lis-socjeta' attrici Elmo Insurance Services Limited nomine, kif jidher mill-istatements hawn annessi bhala dokumenti bl-ittri "A" u "B";

Illi ghalkemm mitluba biex thallas diversi drabi, s-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti;

Illi l-kreditu tas-socjetajiet attrici fis-somma komplessiva ta' Lm10,844.78,0 hu cert, likwidu u esigibbli u sa fejn jafu l-istess socjetajiet, is-socjeta' konvenuta ma ghandha l-ebda difiza valida opponibbli f'din il-kawza kontra t-talba taghhom ghall-hlas ta' dik is-somma kif jidher mill-Affidavit ta' Angela Tabone, Evander Borg u Roberta Vassallo rispettivament ir-rappresentanti guridici tal-istess socjetajiet, hawn anness Dok. "X";

Ghalhekk is-socjetajiet attrici talbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex ghar-raguijiet fuq premssi:

1. M'ghandhiex din il-Qorti taghti s-sentenza u tilqa' t-talba tas-socjetjiet attrici bla ma tghaddi ghas-smiegh tal-kawza kif provdut fl-artikoli 167 – 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12); u

2. Hekk tikkundanna minnufih lis-socjeta' konvenuta thallas lill-istess socjetajiet attrici s-somma komplessiva ta' Lm10,844.78,0 fuq imsemmija u dana in kwantu ghal Lm4503.26,0 lis-socjeta' attrici Citadel Insurance plc, in kwantu ghal Lm2631.04,0 lis-socjeta' attrici Middle Sea

Insurance plc u in kwantu ghal bilanc ta' Lm3683.48,0 lis-socjeta' attrici Elmo Insurance Services Limited nomine, rappresentanti l-prezz ta' premiums dovuti fuq poloz ta' assigurazzjoni mahruga kif qabel spjegat;

Bl-imghax legali mit-12 ta' Novembru 1997 u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-21 ta' Mejju 1999 u tal-Mandat ta' Sekwestru presentat kontestwalment kontra s-socjeta' konvenuta li r-rappresentanti guridici taghha huma ingunti minn issa ghas-subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u l-lista tax-xiehda tas-Socjetajiet attrici, flimkien mat-tliet (3) dokumenti mehmuza maghha;

Rat id-Degriet ta' din il-Qorti (diversament presjeduta) tas-6 ta' Lulju, 1999, li bih warrbet it-talba tas-Socjetajiet attrici biex din il-kawza tinstama' u tigi trattata bil-procedura sommarja specjali (pagna11 tal-process);

Rat id-Degriet ta' din il-Qorti (diversament presjeduta) tat-22 ta' Marzu, 2000, li bih il-kawza giet imhollija *sine die* (pagna 16);

Rat ir-Rikors tas-Socjetjiet atturi tal-4 t'April, 2000 (pagna 17) u d-Degriet tas-6 t'April, 2000 (pagna 18) li bih il-kawza regghet tqeghdet fuq il-lista ghas-smiegh ghas-16 ta' Mejju, 2000;

Rat illi s-Socjeta' konvenuta, kienet notifikata kif ghandu jkun bl-att tac-Citazzjoni u bl-Avviz gtas-Smiegh fil-15 ta' Novembru, 1999 (pagni 13 u 14 tal-process), u kif ukoll bl-Avviz tal-Kawza li regghet ingiebet ghas-Smiegh fit-23 ta' Mejju, 2000 (pagna 21 tal-process), izda naqset li tressaq Nota tal-Eccezzjonijiet jew li tidher waqt is-smiegh tal-kawza, u b'hekk waqghet kontumaci, ghalkemm hatret biex jidher ghaliha lill-Avukat Dottor Philip Manduca;

Semghet ix-xhieda tas-Socjetajiet attrici;

Semghet it-trattazzjoni tal-Avukat tas-Socjetajiet attrici;

Rat id-Degriet taghha tat-12 ta' Dicembru, 2000, li bih laqghet it-talba tal-Avukat tas-Socjeta' konvenuta li jressaq Nota ta'Sottomissjonijiet ghall-finijiet tal-artikolu 158 (10) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u tat lill-istess Socjeta' imharrka sal-25 ta' Jannar, 2001, sabiex taghmel dan (pagna 26 tal-process);

Rat li s-Socjeta' imharrka naqset li tressaq l-argumenti taghha dwar it-talba attrici saz-zmien moghti u lanqas talbet li tinghata zmien izjed biex taghmel dan;

Rat id-Degriet taghha tat-12 ta' Dicembru, 2000, li bih halliet il-kawza ghal-lum ghas-sentenza fin-nuqqas ta' xkiel;

Rat l-atti kollha l-ohrajn tal-kawza;

## *Ikkunsidrat:*

Illi s-Socjeta' imharrka kienet harget ghadd ta' polizzi ta' assikurazzjoni biex iharsu numru ta' attivitajiet kummercjali jew azjendi taghha. Dawn il-polizzi gew accettati, fi gradi differenti, mis-Socjetajiet attrici. Dawn il-polizzi kienu fis-sehh ghal perjodu ta' zmien li ma giex imfisser lill-Qorti, imma zgur matul is-snin 1996 u 1997. Is-somom mitluba mis-Socjetajiet attrici jirrappresentaw *premia* dwar dawn id-diversi polizzi ghal perjodu hawn fuq imsemmi;

Illi, mix-xhieda mressqa, jirrisulta wkoll li qabel ma saret din il-kawza, is-Socjeta' mharrka kienet intalbet b'atti gudizzjarji sabiex thallas l-ammonti minnha dovuti, imma naqset li taghmel dan;

Illi jigi notat ukoll li s-Socjetajiet attrici qeghdin jipprocedu flimkien kontra s-Socjeta' imharrka kif jipprovdi l-artikolu 161 (3) tal-Kap 12, u l-Qorti rat li l-atti tal-kawza iharsu fedelment dak li l-ligi tipprovdi dwar azzjonijiet ta' din l-ghamla;

Illi, dwar il-mertu tat-talbiet, ma tressqet l-ebda prova li twaqqa' dak li hemm muri fl-atti tal-kawza, u l-provi mressqin

iwieznu l-pretensjonijiet attrici. L-unika rimarka li trid taghmel il-Qorti hija li bejn l-ammont shih kif mitlub fl-attt tac-Citazzjoni u l-ammonti separati li kull wahda mis-Socjetajiet attrici qeghda titlob li tithallas, hemm nuqqas ta' qbil. Il-Qorti, wara li fliet l-ammonti kollha msemmija fiz-zewg dokumenti f'pagni 8 sa 10 tal-process, issib li l-ammont dovut lis-Socjeta' attrici Citadel Insurance p.l.c. ghandu fis-sewwa jkun ta'erbat elef hames mija u tletin lira maltin u sitta u ghoxrin centezmu (Lm4530.26), u mhux kif imsemmi fic-Citazzjoni u fid-Dikjarazzjoni;

Illi, madankollu, billi l-ewwel premessa u t-tieni talba attrici isemmu l-ammont shih, u billi t-totali kollha taz-zewg dokumenti fuq imsemmija jaqblu mal-ammont shih, il-Qorti tifhem li l-ammont muri ta' Lm4503.26 huwa zball tal-pinna li jista' u ghandu jigi msewwi, biex jigi jaqbel mal-fatti u billi, kif inghad, jissemma l-ammont shih fl-atti tal-kawza nfushom;

Illi, ghalhekk, il-Qorti, ghall-finijiet tal-artikolu 175 (3) tal-Kap 12, qeghda tqis li l-ammont li s-Socjeta' attrici Citadel Insurance p.l.c. qeghda tippretendi li tithallas minghand is-Socjeta' imharrka huwa ta' Lm4530.26, u mhux kif muri, u tordna li din il-bidla tigi murija fl-atti tal-kawza;

Illi, ghajr ghal din il-kostatazzjoni, il-**Qorti ssib li t-talba tal-atturi hija misthoqqa** u, fil-kontumacja tas-Socjeta'imharrka, qeghda tilqaghha billi tiddikjara lis-Socjeta' attrici Citadel Insurance p.l.c. kreditrci tas-Socjeta' mharrka fis-somma ta' erbat elef hames mija u tletin liri maltin u sitta u ghoxrin centezmu (Lm4530.26); lis-Socjeta' Middle Sea Insurance p.l.c. kreditrici fis-somma ta' elfejn sitt mija u wiehed u tletin liri maltin u erba'centezmi (Lm2631.04) u lis-Socjeta' attrici Elmo Insurance Services Limited nomine kreditrici fis-somma ta' tlett elef sitt mija u tlieta u tmenin liri maltin u tmienja u erbghin centezmu (Lm3683.48); u tikkundanna lis-Socjeta' imharrka thallas l-imsemmija ammonti;

L-ispejjez tal-kawza, flimkien mal-imghaxijiet fuq l-imsemmija somom b'effett mit-12 ta' Novembru, 1997, sal-jum tal-hlas effettiv, jithallsu mis-Socjeta' imharrka.

*7 ta' Marzu, 2001.*

**Moqrija**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**7 ta' Marzu, 2001.**

**Charles Falzon,**
**Deputat Registratur**
**7 ta' Marzu, 2001.**